MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru 21/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**vs**

**OMISSIS**
**PATRICK MANGION**

**Il-Qorti**

Rat lill-imputat **PATRICK MANGION** ta' tlieta w tletin sena bin Anthony u Giovanna nee Camilleri Grech, imwieled Pieta nhar t-tletin ta' Jannar 1973 u residenti Block 1, Flat 7, Triq d-Deheb Fin, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 68773M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar it-tlieta ta' Jannar 2008 gewwa Triq l-Isptar ir-Rabat fid-disgha w kwart ta' filghodu flimkien ma persuna ohra, kkommetta serq ta' flus, w accessorji, liema valur ta' dawn oggetti ma jeccedix il-hamsin lira maltin izda jeccedi l-ghaxar liri Maltin ghad-detriment ta'

Vincenza Attard mir-Rabat, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza u dan ai terminu tal-Artikoli 261, 262, 274 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi flimkien ma persuni ohra, rrenda ruhu komplici, li kkagunaw griehi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Vincenza Attadu dan kif ccertifika Doctor J. Zammit MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu ta’ l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta ma l-imputat bhala li huwa ricediv wara li gie misjub hati diversament li kkommetta reati kriminali ohra kemm mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kemm mill-Qorti ta’ l-Appelli b’sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom ic-certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor J. Zammit fejn jirrizulta li Vincenza Attard giet ezaminata nhar it-tlieta ta’ Jannar 2008 u li kienet qed issofri minn *dislocation* fi spallitha u tali griehi huma ta’ natura per durata kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta’ Jannar 2008 (fol 48) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq imsemmija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Jannar 2008 ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti bhala Dok. MTZ a fol 9 et seq minn fejn jirrizulta li hemm registrati mhux inqas minn tnejn w ghoxrin *conviction* fuqha li jirrisalu sa mis-sena 1991 fejn inghata diversi multi, conditional discharges, sentenzi sospizi u sentenzi ta' prigunerija.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma thossx li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex ma temminx li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi l-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-imputat ghandu jintbghat il-habs sabiex possibilment jitghallem mill-izbalji tieghu u ma jirrepetiex l-agir kriminali tieghu, pero' fl-istess hin taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex tghin lill-imputat odjern fil-probelma akuta li hu ghandu fit-tehid tad-droga.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 214, 216, 261, 262 u 274 u 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'dawn ic-cirkostanzi, **tiddikjara li qed ssib lill-imputat PATRICK MANGION hati tal-akkuzi kollha kif moghtija fil-konfront tieghu fuq ammissjoni**

**tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2) effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------